**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 281/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Abdikadir Hashi Said**
**(ID 113412(A))**

**Illum, 28 ta' Lulju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Abdikadir Hashi Said ta' 22 sena, imwieled is-Somalja, nhar l-1 ta' Jannar 1993, iben Abdulkadir Hashi u Hamda xebba Ali Warsame, residenti 77, Triq il-Gzira, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 113412(A);

Akkuzat talli fit-2 ta' Dicembru u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

1. Ipproduca, biegh jew xort'ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex, barra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz u li m'hemmx kontestazzjoni dwarhom kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Dicembru 2015, ghall-habta tas-6.30 a.m., certu Abdi Ali Mahamed irrapporta gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema illi matul il-lejl huwa kien biegh xi droga ossia 7 grammi *cannabis* gewwa Paceville, quddiem *Plush*, u li mill-bejgh ta' din id-droga, huwa qala' €140, jigifieri €20 il-gramma. Skont hu, kien siehbu li tah din id-droga biex ibieghha, izda huwa nefaq €40 mis-somma msemmija f'xorb. Qal ukoll illi kemm il-darba kien ser imur id-dar, siehbu kien jheddu b'sikkina u ghalhekk kien qed jibza' jmur id-dar u talab il-protezzjoni tal-pulizija. Mahamed qal ukoll illi siehbu kellu izjed droga d-dar. L-istess Mahamed gie arrestat u mmedjatament il-pulizija, fosthom PS 309 Brian Xuereb u PS 1330 Sandro Mangion, marru gewwa residenza fil-Gzira, fejn kienu jabitaw kemm Mahamed, kif ukoll l-imputat odjern, fejn sabu lill-istess imputat, fil-kamra tieghu. Ghalkemm f'berritta li kienet imdendla mal-hajt u li giet indikata minn Mahamed bhala l-post fejn solitament l-imputat kien izomm id-droga, ma nstabet l-ebda droga, fuq komodina fl-istess kamra instabet *crusher*, fil-waqt illi fuq mejda wkoll fl-istess kamra, hdejn *laptop*, instab pakkett tas-sigaretti Pall Mall, li kien jikkontjeni hames *sachets* b'sustanza suspettata droga. Hdejn il-*laptop*, fuq l-istess mejda, instabu wkoll zewg pitazzi. Skont PS 1330 Sandro Mangion, qabel it-

tfittxija fir-residenza, Mahamed kien indikalu illi l-imputat jiehu notamenti u li kellu xi *notebooks* li fihom izomm l-ismijiet tal-persuni li jbieghilhom id-droga.[1]

Meta mistoqsi jiddeskrivi l-fond 77, Flat 4, Triq il-Gzira, Gzira, li fiha saret it-tfittxija u li minnha gew elevati l-oggetti fuq indikati, PS 309 Brian Xuereb jghid illi f'din ir-residenza, kien hemm kuritur zghir u mbaghad kamra fuq ix-xellug u fiha kien hemm zewg sodod, sufan, *coffee table* u televixin. Jghid illi l-imputat kien qieghed bil-qeghda, juza *laptop* dak il-hin, liema *laptop* kien jinsab fuq il-*coffee table.* Skont ix-xhud, u kif inghad izjed 'il fuq, il-pakkett tas-sigaretti kontenenti l-hames *sachets* li kien fihom sustanza suspettata droga, kien hdejn il-*laptop.*

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[2], jirrizulta illi l-*envelope* li huwa nghata ghall-analizi tieghu kien fih kaxxa tas-sigaretti kontenenti sigarett u hames boroz tal-plastik zghar, li kien fihom haxix ta' lewn ahdar u *crusher*. Skont l-istess relazzjoni:

a) Fl-estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar instabet is-sustanza *Tetrahydroccanabinol*. Il-piz tal-haxix kien ta' 2.02 grammi u l-purita` kienet ta' 5%. Fil-haxix ta' lewn ahdar instabet ukoll is-sustanza 5F-AKB-48 (5F-APINACA) li hija tip ta' *synthetic cannabinoid*, li m'hijiex ikkontrollata bil-ligi.

b) Fuq *swab* mehuda minn fuq il-*crusher* instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol.*

Wara r-rapport tieghu gewwa l-Ghassa ta' Tas-Sliema nhar it-2 ta' Dicembru 2015, Abdi Ali Mahamed irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija dakinhar stess fit-3.28 p.m., wara li nghata s-solita twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa rrifjuta li jezercitah[3] u sussegwentement ikkonferma din l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar it-3 ta'Dicembru 2015[4]. Fl-istqarrija tieghu, Mahamed jghid illi huwa dejjem jixrob l-alkohol u xi kultant ipejjep il-haxixa. Jghid illi dakinhar stess, huwa mar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema u rrapporta lil xi hadd li ha sikkina u ried joqtlu, li dan beda jitolbu l-flus, li hu ma kellux bizzejjed u l-iehor ried joqtlu. Jghid illi dan kien qed jitolbu l-flus ghaliex

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1033 Sandro Mangion, a fol. 14 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' PS 309 Brian Xuereb, a fol. 52 *et seq* tal-process.
[2] Esebita a fol. 89 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 39 sa 40 tal-process.
[4] A fol. 36 u 36A tal-process.

kien tah (lil Mahamed) seba' grammi haxixa sabiex da parti tieghu, huwa jaghtihom lil haddiehor u l-flus li jottjeni, huwa jaghtihom lil min tah id-droga. Jghid illi mill-flus li qala', huwa uza €40 biex jixrob l-alkohol. Jghid ukoll illi d-droga in kwistjoni kienet il-*cannabis* is-sewda li qisha cikkulata. Jghid illi d-droga kienet inghatat lilu minn Abdikadir Hashi Said u li huma jghixu flimkien il-Gzira. Mahamed jghid ukoll illi huwa ra d-droga f'bicca shiha, izda meta huwa mar lura d-dar, siehbu tahielu f'seba' bicciet imkebbin f'pagna ta' ktieb. Jghid illi ma jafx minn fejn jixtri d-droga siehbu u jghid illi ma kienx jaf x'jismu l-persuna li lilha ta d-droga. Jaf li kien jitkellem bl-Ingliz u lanqas wiccu ma kien jiftakar. Dan hallas €140 ghas-seba' grammi. Meta gie mistoqsi dwar x'tip ta' droga ohra kien ibiegh Abdikadir, apparti r-raza, huwa jghid illi ma jafx u li din kienet l-ewwel darba li Abdikadir kien talbu sabiex jaghti d-droga lil haddiehor. Jghid illi kien ilu jirrisjedi ma' Abdikadir sitt xhur, li dan kien ipejjep il-*cannabis* u li fl-ahhar xahrejn ra li kien qed ibiegh id-droga. Jghid illi fl-istess indirizz joqoghdu b'kollox sitt persuni ta' nazzjonalita` Somala u li Abdikadir biss ibiegh id-droga. Jghid illi l-pakkett tas-sigaretti Pall Mall li huwa gie muri waqt l-interrogatorju tieghu, kien ta' Abdikadir u li s-sustanza fil-hames *sachets*, li wkoll gew murija lilu, hija "*synthetic weed, cannabis, haxixa*" li wkoll kienu ta' Abdikadir. Mistoqsi x'kien ser jaghmel Abdikadir b'din id-droga, jghid illi kien ser ibieghha, ghalkemm ma kienx jaf il-prezz. Jghid illi Abdikadir joqghod id-dar u jibghat lil shabu ibieghu d-droga gewwa Paceville u l-Marsa. Jghid illi lil Abdikadir ma tah xejn mill-flus li gabar mill-bejgh tad-droga, ghaliex nefaq €40 u l-pulizija hadulu r-rimanenti €100. Ma jafx min kien pogga l-*cannabis* fis-*sachets* li nstabu, jaf li rahom id-dar u qal lill-pulizija b'dan.

Mahamed xehed ukoll f'dawn il-proceduri, f'liema xiehda madankollu huwa nnega dak li kien qal fl-istqarrija guramentata.[5] Ikkonferma li ttiehdu passi kontra tieghu dwar dan il-kaz u li kien qed jiskonta piena karcerarja in konnessjoni mal-istess. Jghid illi huwa mar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ghaliex kien xurban u li ghalkemm kien irrapporta lil siehbu dwar id-droga, dan ma kienx minnu. Jghid illi dak li kien qal gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ma kienx kollu minnu. Jghid illi kien jiftakar xi ftit mill-affarijiet li kien qal fl-Ghassa, izda mhux kollox. Jiftakar li kien qal illi siehbu kien tah id-droga u li huwa kien bieghha u jghid illi dan ma kienx minnu. Jghid illi huwa minnu li kien ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat, izda jghid li ghamel dan ghax kien xurban. Jghid illi kien marid, li meta kien gewwa l-Ghassa tal-Pulizija kellu bzonn imur l-isptar u li meta kien quddiem il-Magistrat, talbu biex imur l-isptar. Jghid ukoll illi f'dak il-lejl kien uza l-*crack* – xi forma ta' haxixa - u li qabel qatt ma kien ghamel uzu minnha,

[5] A fol. 56 *et seq* tal-process.

li kien hazin u xurban. Jghid illi gie ghan-normal wara tlitt ijiem, meta kien diga` qieghed il-habs. Meta mistoqsi kienx jaf illi huwa kien wiegeb li huwa hati meta tressaq quddiem il-Qorti, huwa wiegeb fin-negattiv u jerga' jirrepeti illi kien wara tlitt ijiem li gie f'sensih. Jirrepeti kemm il-darba li kien xurban, li gie f'sensih wara tlitt ijiem u li l-isqarrija ma kinitx minnha. Ma kienx cert dwar x'kien qal fl-istqarrija. Ma jiftakarx li kien qal li fir-residenza kien hemm id-droga, ma jiftakarx li gie muri d-droga waqt l-interrogatorju tieghu u li kien qal x'tip ta' droga kienet. Wara li l-Qorti qratlu l-istqarrija li huwa kien kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, huwa jghid illi jiftakar biss li huwa ggieled mal-imputat filghodu. Ma jiftakarx li rrilaxxja l-istqarrija, li qal dak li kien hemm fl-istqarrija, li mar ghand il-pulizija jaghmel rapport jew li kkonferma l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Jghid illi jiftakar illi kien qed jixrob kuljum, li ghal xahrejn shah kien kuljum fis-sakra u li meta kien imur lura d-dar filghodu, l-imputat kien jghajjat mieghu ghaliex kien ikun xurban. Jghid illi kien jorqod matul il-jum, ghaliex bil-lejl kien jahdem u li ma kienx jaghti cans lill-imputat inaddaf. Ghalhekk l-imputat kien jirrabja mieghu. Jghid illi mar l-Ghassa tal-Pulizija ghaliex kien fis-sakra u li rega' kellu problema mal-imputat, li dan jghajjat mieghu u jqajjmu meta huwa jkollu bzonn jorqod u li kien irrabbjat mal-imputat. Jghid illi lanqas dakinhar filghodu ma kien mar id-dar. Fuq izjed mistoqsijiet ghaliex kien mar gewwa l-Ghassa, jerga' jghid illi ma jiftakarx. Jghid illi ma kienx minnu dak li kien qal fl-istqarrija u lill-Magistrat Inkwirenti u li xejn ma kien minnu. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, jghid illi lill-imputat ma kienx rah il-habs u meta kienu isfel (fil-*lock up*) tkellmu dwar affarijiet normali u mhux dwar il-kaz. Fir-rigward tas-somma ta' mitt Euro (€100) li kellu fil-pussess tieghu, jghid illi d-datur tax-xoghol tieghu tah is-somma ta' mija, hamsa u ghoxrin (€125), li beda jixrob *Black and White* u tilef il-kontroll. Jghid illi s-somma ta' €100 ma gietx mill-bejgh tad-droga, ghaliex huwa kien jahdem kuljum u li dawn il-flus kienu provenjenti mill-impjieg tieghu. Jghid ukoll illi dan kien jiftakru ghaliex meta thallas dawn il-flus, ma kienx xurban. Mistoqsi dwar dak li kien qal fl-istqarrija tieghu rigward id-droga misjuba fil-pakkett tas-sigaretti u li huwa kien qal li kienet tal-imputat, huwa jghid illi l-imputat dejjem kien ipejjep, li meta kien imur id-dar, l-imputat dejjem kellu d-droga biex ipejjep u li l-imputat kien ipejjep il-haxixa, *synthetic*. Jghid illi d-droga dejjem kienet tkun fuq il-mejda u mhux mohbija. Jghid ukoll illi huwa ma bieghx droga ghan-nom tal-imputat u li kieku kien ibiegh id-droga, ma kienx ser joqghod jahdem bil-lejl ghal sitt xhur shah.

Da parti tieghu, l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-3 ta' Dicembru 2015, wara li nghata s-solita twissija u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel

li ma jezercitahx.[6] L-imputat jghid illi kien jahdem sa Ottubru 2015 (u ghalhekk sa xahrejn qabel l-istqarrija) u li waqaf, mhux ghaliex kien qed ibiegh id-droga, kif suggerit lilu, izda ghaliex kien qed jahdem illegalment. Jghid illi huwa juza l-haxixa u s-sigaretti. Jghid illi fil-jum ta' qabel ossia fit-2 ta' Dicembru 2015, ma kien hemm l-ebda glieda bejnu u bejn Abdi Ali, li huwa kien sar jafu gewwa l-*Open Centre* ta' Hal Far u li mbaghad bdew jghixu flimkien gewwa l-Gzira. Jghid illi qabel kienu hbieb, izda ma kinux ghadhom hbieb jew kif jghid hu "*We were bad friends*" u dan ghaliex Abdi jixrob, juza l-haxixa u jpejjep. Mistoqsi x'kienet ir-raguni vera ghaliex ma baqghux hbieb la darba anke huwa kien ipejjep il-haxixa, l-imputat jghid illi Abdi ma jhallasx il-kera u ma jnaddafx id-dar. Jghid illi mhux minnu illi huwa hedded lil Abdi b'sikkina u li kien qed jigdeb. Jghid illi Abdi gideb ghaliex huwa aggressiv fil-konfront tieghu meta jmur id-dar u jghajjat maghhom bil-lejl meta jkun xurban. Jghid illi huwa qatt ma ggieled mieghu u li s-sikkina li hemm fid-dar hija ta' Abdi Ali. Jghid ukoll illi jghixu sitt persuni fid-dar, li kollha jghajjtu ma' Abdi Ali, izda li kien qed jigdeb ghaliex hu qatt ma heddu. Jghid illi huwa ma jafx bis-seba' grammi li rrapporta dwarhom Abdi Ali u li hu ma kien tah xejn. Jghid illi huwa jaf x'kienet id-droga li ghaliha rrefera Abdi Ali, gieli ra bhalha, imma huwa ma jpejjipx minnha. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien jixtri din id-droga mill-Marsa u jibghat lil shabu jbieghuha ghalih, huwa wiegeb illi ma kellux risposta ghal dan u "*what can I tell you*". Jinnega li qatt biegh droga u meta gie mistoqsi dwar l-argument li Abdi Ali jghid illi kellu mieghu dwar is-somma ta' €40, jghid illi l-ahhar li kien ra lil Abdi Ali kien it-Tlieta ta' qabel (jigifieri fl-1 ta' Dicembru 2016 ossia fil-jum ta' qabel ir-rapport) u li ma kienx sema' minghandu wara dakinhar. Jghid illi s-*sachets* fil-pakkett tas-sigaretti Pall Mall kienu tieghu, li b'kollox kien fihom 2 grammi u nofs *cannabis* sintetika, li xtrahom mill-Marsa, kif kienu ossia maqsumin u li ried ipejjiphom go daru.

L-imputat ghazel li jixhed ukoll f'dawn il-proceduri.[7] Huwa jghid illi l-pulizija kienet sabet il-*cannabis* fil-pussess tieghu, li din kienet tieghu u li din kien juzaha ghall-uzu personali tieghu. Kien jiehu bejn zewg u tliet *joints* kuljum. Jghid illi huwa ma kienx qed ibiegh droga u li kien juzaha hu stess fid-dar tieghu. Jichad illi qatt ta droga lill-habib tieghu biex ibieghha. Jghid illi fil-passat kien hemm kunflitt zghir bejniethom ghaliex siehbu ma kienx inaddaf. Wara jghid illi kienu jiggieldu ghax siehbu jisker bil-ftit flus li jaqla'. Jghid ukoll illi siehbu ma kienx qed ihallas il-kera tal-appartament u l-ftit flus li kien jaqla' kien juzahom biex jixrob il-birra. Jghid illi huwa kien ghenu billi hadu ghandu, li huwa (ix-xhud)

---

[6] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 5 u 6 tal-process.
[7] A fol. 105 *et seq* tal-process.

kien ihallas il-kera u li kien qal lil Mahamed biex jitlaq. Jghid illi f'kamra wahda kienu joqoghdu zewg persuni, li huwa kien joqghod ma' Mahamed fil-kamra u tliet persuni ohrajn kienu joqoghdu fiz-zewgt ikmamar tas-sodda l-ohra li kien hemm fl-appartament. Jghid illi l-*crusher* kien sabha fil-kamra meta dahal fl-appartament u kien halliha hemm. Jghid ukoll illi qablu, fil-kamra kienu jghixu persuni ohrajn mis-Somalja. L-imputat jghid ukoll illi s-sustanza li kien hemm fil-pakkett, il-*laptop* u s-sigaretti kienu tieghu.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi ghalhekk il-Qorti hija rinfaccjata min-naha l-wahda, b'zewg verzjonijiet da parti tax-xhud Mahamed Abdi Ali u cioe` skont l-ewwel verzjoni, rizultanti mill-istqarrija rilaxxjata minnu u sussegwentement ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, illi huwa kien inghata seba' grammi raza tal-*cannabis* mill-imputat sabiex ibieghha lil terza persuna u li effettivament kien ghamel dan gewwa Paceville, ghall-prezz ta' mija u erbghin Euro u skont l-istess verzjoni, illi l-imputat kien ibiegh id-droga tramite terzi persuni, u skont it-tieni verzjoni, moghtija minnu f'dawn il-proceduri, illi dan ma kien minnu xejn u li kien qal dan kollu ghaliex kien taht l-effett tal-alkohol u tad-droga u ghax kien irrabjat mal-imputat. Imbaghad il-Qorti ghandha quddiemha wkoll ic-cahda tal-istess imputat dwar il-fatti allegati mix-xhud Mahamed ossia illi huwa tah xi droga biex ibieghha lil terzi jew li huwa qatt biegh id-droga.

Fl-ewwel lok, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, fejn inghad hekk fir-rigward ta' dikjarazzjoni guramentata ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*... meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud.*"

Ghalhekk, minkejja illi x-xhud Mahamed cahad, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, dak li kien qal fl-istqarrija guramentata, fis-sens illi l-imputat kien tah ir-raza tal-*cannabis* biex ibieghha gewwa Paceville u li l-imputat kien ibiegh id-droga tramite terzi, dan ma jfissirx illi l-istqarrija kif ikkonfermatha minnu quddiem il-Magistrat Inkwirenti ma tistax tintuza bhala prova kontra l-akkuzat u l-Qorti xorta tista' tasal ghall-konkluzjoni illi l-verita` tinsab fil-kontenut tal-istqarrija guramentata, u mhux fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Issa dwar ix-xhieda ta' Mahamed f'dawn il-proceduri, il-Qorti tghid minghajr tlaqliq illi fil-maggor parti taghha, din ix-xhieda ma hija kredibbli xejn. Ix-xhud Mahamed huwa inkonsistenti ghall-ahhar f'din ix-xhieda u dan b'mod partikolari dwar dak li jghid li jiftakar u ma jiftakarx. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma ssibx lix-xhud kredibbli meta jghid illi tant kien taht l-influwenza ta' alkohol u ta' droga li ma kienx f'sensih ghal tliet ijiem shah, kif jinsisti tant drabi fix-xhieda tieghu. Wiehed irid iqis illi x-xhud ghamel rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fis-6.30 a.m. fit-2 ta' Dicembru 2015, sussegwentement irrilaxxja stqarrija fl-istess jum fit-3.28 p.m. u l-ghada filghodu, ikkonferma din l-istqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Jirrizulta wkoll illi wara li kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament, ix-xhud tressaq il-Qorti akkuzat bir-reat ta' traffikar ta' droga u nghata piena ta' prigunerija, liema piena kien ghadu qieghed jiskontaha fiz-zmien tax-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Allura, tistaqsi l-Qorti, f'dan il-hin kollu, hadd ma nduna li x-xhud kien f'dan l-istat tant hazin li jinsisti li kien qieghed fih? Dan meta x-xhud jinsisti li kien fi stat ta' sokor u taht effett ta' droga tali, li lanqas kien jaf ghaliex kien spicca l-habs jiskonta piena ta' prigunerija u li dan sar jafu minghand xi hbieb u skont hu, wara li spjegatlu dan din il-Qorti, kif preseduta proprju waqt ix-xhieda tieghu! In oltre ghalkemm jghid ukoll illi tant kien hazin li kellu bzonn imur l-isptar u sahansitra li kien anke talab lill-Magistrat Inkwirenti sabiex imur l-isptar, dan il-fatt ma jirrizulta mkien mill-atti tal-process verbal jew mix-xhieda moghtija mill-Ufficjali kollha tal-Pulizija li xehdu dwar il-kaz. Ix-xhud, imbaghad, huwa inkonsistenti ghall-ahhar fix-xhieda tieghu. Mill-banda l-wahda jghid illi ma jiftakar xejn, lanqas li mar gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, li rrilaxxja stqarrija u li xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti, lanqas kif sab ruhu gewwa l-habs, u mill-banda l-ohra jghid ghalfejn mar l-Ghassa tal-Pulizija – skont hu ghaliex kien xorob, li ggieled ma' siehbu ossia mal-imputat u li kien irrabjat lejh – u jghid ukoll dak li qal gewwa l-Ghassa fis-sens illi rrapporta lil siehbu dwar id-droga, li siehbu kien tah xi droga u li huwa bieghha (ghalkemm cahad li dak li qal kien minnu), apparti li sahansitra jghid illi talab lill-Magistrat Inkwirenti biex imur l-isptar, kif inghad. In oltre f'mument minnhom jghid illi jiftakar li fil-ghodu iggieled mal-imputat u f'mument iehor jghid illi lanqas mar id-dar fil-ghodu. Jghid illi ma jiftakar xejn, izda f'mumenti ohrajn jghid ukoll illi jiftakar ftit, ghalkemm mhux kollox.

Il-Qorti tqis ukoll illi effettivament dak li stqarr ix-xhud Mahamed originarjament gewwa l-Ghassa tal-Pulizija meta ghamel ir-rapport tieghu, kif jirrizulta mill-istess rapport – li jikkombacja ma' dak li qal fl-istqarrija tieghu kif konfermata minnu bil-gurament – fis-sens illi fir-residenza, l-imputat kellu d-droga, gie kkonfermat meta l-pulizija marret fuq il-post. Veru illi d-droga ma nstabitx fejn indika x-xhud originarjament ossia f'beritta hamra li kienet imdendla, izda fil-fatt instabet id-droga, li dwarha l-imputat ammetta li kienet tieghu. Ix-xhud PS 1033 Sandro Mangion jghid ukoll illi Mahamed kien qallu li fir-residenza kien hemm xi *notebooks* li fuqhom l-imputat kien izomm xi notamenti dwar il-persuni li lilhom kien ibiegh id-droga. Ghalkemm dan baqa' *detto del detto* ghaliex ix-xhud ma giex mistoqsi dwar dan fl-istqarrija tieghu u lanqas fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, il-Qorti tista' tqis din il-parti tax-xhieda ta' PS 1033 bhala prova li dan il-kliem intqal, u in oltre, fil-fatt il-Pulizija sabu pitazz u *notebook* b'ismijiet fuqhom fil-kamra li fiha saret it-tfittxija. Ghalhekk ma jistax jinghad, kif isostni Mahamed fix-xhieda tieghu, illi tant kien taht l-effett ta' droga u alkohol, illi ma kienx jaf x'inhu jghid meta ghamel ir-rapport tieghu. Jidher ukoll illi l-istess Mahamed kien jaf x'inhu jghid anke dwar dawn in-notamenti.

Fil-fatt fir-rigward tal-imsemmija pitazz u *notebook* misjuba fil-kamra tal-imputat, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Lill-imputat ma saritlu l-ebda mistoqsija dwar dawn waqt l-interrogatorju tieghu. La gie mistoqsi ta' min kienu dawn in-notamenti u lanqas x'kienu d-diversi listi fl-istess. Madankollu, tenut kont tal-lok fejn instabu l-istess *notebook* u pitazz u cioe` skont ix-xhieda ta' PS 1330 u PS 309, fuq mejda jew *coffee table*, hdejn il-*laptop* li, fil-hin tat-tfittixja, kien qieghed jintuza mill-imputat, fejn kien hemm ukoll il-pakkett tas-sigaretti li kien jikkonjenti l-pakketti bid-droga li dwarhom l-istess imputat assuma responsabbilita`, il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tahseb li n-*notebook* u l-pitazz ma kienux ukoll tal-istess imputat. Tqis ukoll f'dan ir-rigward illi skont l-imputat, il-kamra kienet okkupata biss minnu u mix-xhud u tenut kont li x-xhud kien ikun izjed fi stat ta' sakra milli le, skont kif jghidu kemm ix-xhud, kif ukoll l-imputat, il-Qorti ssibha difficli temmen li dawn in-notamenti dettaljati kien izommhom ix-xhud u mhux l-imputat. Fid-dawl ukoll tal-fatt illi l-pitazz u n-*notebook* jikkonsistu f'diversi listi li jinkludu kliem bhal *black haash* u *sentetic* miktuba taht diversi ismijiet, fil-fehma tal-Qorti, dawn m'humiex hlief notamenti relatati *inter alia* ma' bejgh ta' droga.

Biss wara li hasbet fit-tul u fliet bir-reqqa l-atti processwali, il-Qorti ma tqisx illi f'dan il-kaz, tista' tistrieh fuq l-istqarrija guramentata tax-xhud Mahamed u a bazi taghha tasal ghall-konkluzjoni ta' htija fl-imputat, lil hinn minn kull dubju dettat

mir-raguni, b'referenza ghall-parametri ta' zmien tac-citazzjoni odjerna. Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi ghalkemm fix-xhieda tieghu PS 1033 Sandro Mangion jghid illi Mahamed qallu li jekk imur id-dar bil-flus neqsin, siehbu ossia l-imputat odjern jdahhallu sikkina jew jheddu b'sikkina u li ghalhekk kien qed jibza' jmur id-dar u talab protezzjoni – u hawn wiehed jista' jifhem illi Mahamed kien ghadu ma marx id-dar – biss fir-rapport tal-istess PS 1033 hemm ukoll miktub illi skont il-verzjoni ta' Mahamed, siehbu ossia l-imputat kien qed jheddu li joqtlu b'sikkina kemm il-darba ma jaghtihx il-flus kollha mill-bejgh tad-droga. Fl-istess rapport, imbaghad, hemm indikat ukoll b'referenza ghall-interrogatorju ta' Mahamed: "*When he arrived home and told Mr Abdikadir about the missing 40 euro, they began arguing, at which point Mr. Abdikadir grabbed a knife and threatened Mr Abdi with it. He therefore feared for his life and filed a report at the Sliema Police Station*". Fl-istqarrija tieghu, konfermata minnu bil-gurament, Mahamed jghid illi "*Today I come to police station in sliema and <u>I report someone who take knife</u> and want to kill me. Than he was asking me money and than I have not enough money in my pocket and he want to kill me*" (sottolinear tal-Qorti). Mela mis-suespost u b'mod partikolari mill-verzjoni ta' Mahamed fl-istqarrija rilaxxjata minnu, il-Qorti tifhem illi l-istess Mahamed effettivament mar id-dar u gie mhedded b'sikkina mill-imputat odjern ghaliex fuqu ma kellux il-flus kollha mill-bejgh tad-droga. Mill-atti jirrizulta wkoll illi fil-pussess ta' Mahamed, instabu mitt Euro – allegatament mill-bejgh ta' din id-droga - li gew elevati mill-pulizija. Dwar dan l-episodju, fix-xhieda tieghu, f'mumenti minnhom Mahamed jghid illi huwa ggieled mal-imputat fuq kwistjonijiet ohra meta mar id-dar u f'mumenti ohra jghid illi lanqas biss mar id-dar dakinhar, fil-waqt illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi kien ilu ma jara lil Mahamed jew jisma' minghandu minn nhar it-Tlieta (ossia l-jum ta' qabel). Jghid ukoll l-imputat illi kien hemm sikkina b'manku tad-deheb fid-dar u li din kienet tappartjeni lil Mahamed u jinnega li huwa kien hedded lil Mahamed. Issa apparti li ma jirrizultax illi l-pulizija ghamlet xi verifici ulterjuri sabiex tara jekk fid-dar kienx hemm is-sikkina deskritta mill-imputat jew is-sikkina li jsemmi Mahamed, jew verifici ohra anke mar-residenti l-ohrajn tal-fond dwar jekk Mahamed kienx verament mar lura d-dar fil-lejl in kwistjoni jew jekk kienx verament inqala' xi glied bejnu u bejn l-imputat, il-Qorti ssib ukoll stramb kif jekk verament Mahamed mar lura d-dar fil-lejl in kwistjoni u l-imputat ghamel ghalih b'sikkina u heddu biha stante li ma kellux il-flus kollha mill-bejgh tad-droga a disposizzjoni tieghu, huwa spicca telaq ukoll bis-somma ta' €100, biex l-imputat fil-fatt spicca b'xejn. F'dan ix-xenarju kien ikun izjed logiku illi l-imputat jottjeni tal-inqas is-somma ta' €100 li kellu fil-pussess tieghu Mahamed. Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-fatturi diga` jqajjmu dubju dwar il-verzjoni originali ta' Mahamed.

Fit-tieni lok, il-Qorti mbaghad tqis ukoll illi ghalkemm Mahamed jghid illi d-droga li huwa biegh ghan-nom tal-imputat kienet tikkonsisti f'*cannabis* "*that look like chocolate bar*" ossia ghalhekk raza tal-*cannabis*, fil-fond in kwistjoni ma nstabet l-ebda raza meta saret tfittxija, izda nstabet biss sustanza li kienet f'parti minnha pjanta tal-*cannabis* u f'parti ohra *cannabis* sintetika u dan lanqas fi kwantita` tali li wiehed jista' jghid illi ma kinitx ghall-uzu personali.

Tqis ukoll l-isfond tar-relazzjoni bejn ix-xhud Mahamed u l-imputat odjern u li *a tempo vergine* l-imputat mill-ewwel sostna li ma kienx hemm relazzjoni tajba bejniethom stante illi Mahamed kien jixrob ta' spiss u li kien ikollhom xi jghidu ghaliex dan ma kienx ihallas il-kera u ma kienx inaddaf id-dar. Dan ikkonfermah ukoll Mahamed fix-xhieda tieghu, apparti illi fl-istqarrija tieghu, originarjament ukoll jghid illi "*I drink alcohol always*". Skont l-imputat, imbaghad, fix-xhieda tieghu huwa jghid illi Mahamed kien jonfoq flusu fix-xorb u li huwa kien qal lil Mahamed sabiex jitlaq mill-fond.

F'dawn ic-cirkostanzi, wara li l-Qorti hasbet fit-tul dwar il-provi prodotti u minkejja li parti mill-provi, fil-fehma taghha, jindikaw li l-imputat verament kien ibiegh id-droga, biss ma tistax tqis lil Mahamed bhala xhud ghal kollox affidabbli u li a bazi tal-istqarrija guramentata tieghu tista' tasal sal-konkluzjoni, fil-grad rikjest mil-ligi, illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat ghaddielu r-raza tal-*cannabis* sabiex huwa jbieghha lil terzi, kif lanqas ma tqis li gie ppruvat sodisfacentement illi proprju fil-jiem ta' qabel l-imputat biegh ir-raza tal-*cannabis.* Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, li tikkontempla r-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, stante li fl-ewwel lok, il-Qorti m'hijiex qed issib htija fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni u fit-tieni lok, stante illi fil-pussess tal-imputat ma nstabitx raza tal-*cannabis*, izda haxix jew pjanta tal-*cannabis*, regolata ghalhekk taht l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 8(a) tal-istess Kapitolu 101, li fih instabet ukoll *synthetic cannabinoid* li m'hijiex regolata bil-ligi, il-Qorti tqis illi lanqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dokumenti GM, GM1 u GM 2 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat  u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat